VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,890, 16 ta' Marzu, 2012
Taqsima B

A.L. 95 tal-2012

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 123.74.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-18 ta' Jannar, 2012.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "għandu jkollha effett għar-rigward ta' l-Atti dwar it-Taxxi.", għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"Mit-18 ta' Jannar, 2012, wara r-revoka tad-Direttiva tal-UE 90/435/KEE hawn fuq imsemmija, id-Direttiva tal-UE 2011/96/EU tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti għandu jkollha effett fir-rigward tal-Atti dwar it-Taxxi. Id-Direttiva tal-EU 2011/96/EU għandha tinqara skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III ta' dik l-istess Direttiva.".